I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 437/2010 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Mejju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-interventi għall-akkomodazzjoni favur komunitajiet emarġinati

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 178 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi,

(1) Bil-għan li tittejjeb il-koeżjoni soċjali u ekonomika tal-Unjoni, jeħtieġ li jkunu appoġġati l-interventi limitati għar-restawr tal-bini eżistenti li jintuża għall-akkomodazzjoni fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara tali data. Dawn l-interventi jistgħu jsiru skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali [3].

(2) L-infiq għandu jiġi pprogrammat fil-qafas ta' operazzjoni ta' żvilupp urban integrata jew ta' assi prijoritarju għal żoni li jinsabu għaddejjin jew mheddin minn deterjorazzjoni fiżika u esklużjoni soċjali. Għall-finijiet taċ-ċarezza, jeħtieġ li jiġu simplifikati l-kundizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti biex isiru l-interventi għall-akkomodazzjoni f'żoni urbani. Għal dan il-għan, l-infiq fl-interventi għall-akkomodazzjoni għandhom ikunu pprogrammati skont parametri differenti, irrispettivament mis-sors tal-finanzjament. Barra minn hekk, għandu jkun ikkunsidrat bħala infiq eliġibbli biss l-infiq fl-interventi fuq binjiet li diġà jeżistu.

(3) F'diversi Stati Membri, għall-komunitajiet emarġinati li jgħixu f'żoni urbani jew rurali, l-akkomodazzjoni hija fattur deċiżiv għall-integrazzjoni. Għalhekk jeħtieġ li l-eliġibbiltà tal-infiq tkun estiża għall-interventi għall-akkomodazzjoni fl-Istati Membri kollha lill-komunitajiet li jgħixu f'żoni urbani jew f'żoni rurali.

(4) Jeħtieġ ukoll li l-infiq għar-restawr u t-tiġdid ta' djar ġodda ta' akkomodazzjoni, anke permezz tal-bini ta' djar ġodda, ukoll ikun ikkunsidrat bħala infiq eliġibbli, kemm jekk il-komunitajiet jinsabu f'żoni urbani kif ukoll jekk jinsabu f'żoni rurali, u dan minħabba l-kwalità ferm fqira ta' djarhom.

(5) Konformement mal-Prinċipju Nru 2 tal-Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Inklużjoni tar-Roma li tenna l-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Inklużjoni tar-Roma tat-8 ta' Ġunju 2009, l-interventi għall-akkomodazzjoni li jiffukaw fuq grupp speċifiku ma għandhomx jeskludu lil nies oħra li qegħdin f'ċirkostanzi soċjoekonomiċi simili.

(6) Konformement mal-Prinċipju Nru 1 ta' dawn il-Prinċipji Bażiċi Komuni, sabiex ikun limitat ir-riskju ta' segregazzjoni, l-interventi għall-akkomodazzjoni ta' komunitajiet emarġinati għandhom isiru fil-qafas ta' approċċ integrat li jinkludi, partikolarment, miżuri fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa, il-kwistjonijiet soċjali, l-impjiegi u s-sigurtà u miżuri ta' desegregazzjoni.

[1] L-Opinjoni tal-5 ta' Novembru 2009 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

[2] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' April 2010.

[3] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.

(7) Għandu jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet uniformi ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni tal-lista ta' kriterji meħtieġa biex jiġu ddeterminati ż-żoni li jinsabu għaddejjin jew mheddin minn deterjorazzjoni fiżika u esklużjoni soċjali, u għall-adozzjoni tal-lista ta' interventi eliġibbli. L-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li r-regoli u l-prinċipji ġenerali relatati mal-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat implimentattivi tagħha jiġu stabbiliti minn qabel b'regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sa meta jiġi adottat tali regolament u sabiex jiġi evitat li jkun hemm tfixkil tal-azzjoni leġiżlattiva tal-Unjoni, għandhom jibqgħu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [1].

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 huwa b'dan sostitwit b'li ġej:

"2. L-infiq fuq l-akkomodazzjoni, minbarra dak li jsir għall-effiċjenza fl-enerġija u fuq l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif stipulat fil-paragrafu 1a, għandu jkun infiq eliġibbli fil-każijiet li ġejjin:

(a) għall-Istati Membri li ssiehbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara u fil-qafas ta' approċċ ta' żvilupp urban integrat għal żoni li jinsabu għaddejjin jew mheddin minn deterjorazzjoni fiżika u esklużjoni soċjali;

(b) għall-Istati Membri kollha unikament fil-qafas ta' approċċ integrat għal komunitajiet emarġinati.

L-allokazzjoni għall-infiq fuq l-akkomodazzjoni għandha tkun jew ta' massimu ta' 3 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR lill-programmi operattivi kkonċernati jew ta' 2 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR.

2a. Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2, iżda mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-infiq għandu jkun limitat għall-interventi li ġejjin:

(a) ir-restawr tal-partijiet komuni fil-bini preżenti fejn joqogħdu iżjed minn familja waħda,

(b) ir-restawr u l-bidla fl-użu ta' bini li jkun il-proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi jew ta' operaturi li joperaw mingħajr skop ta' profitt għall-użu bħala akkomodazzjoni maħsub għal familji bi dħul baxx jew għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 2, l-interventi jistgħu jinkludu r-restawr u t-tiġdid ta' djar eżistenti ta' akkomodazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-lista ta' kriterji meħtieġa biex jiġu determinati ż-żoni msemmijin taħt il-punt (a) tal-paragrafu 2 u l-lista ta' interventi eliġibbli skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 103(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, id-19 ta' Mejju 2010.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
J. BUZEK

Għall-Kunsill
Il-President
D. LÓPEZ GARRIDO

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.